

32002D0499

27.6.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 168/53

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Ġunju, 2002,

**li tawtorizza li jkun hemm derogi għal ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar pjanti ta' Chamaecyparis Spach, Juniperus L. u Pinus L., imċekkkin b'mod naturali jew artifiċjal u li għandhom l-orìġini tagħhom fir-Repubblika tal-Korea**

[notifikata bid-dokument numru K(2002) 2251]

(2002/499/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju, 2000, dwar miżuri protettivi kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lil pjanti jew lil prodotti ta' pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/36/KE <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artiklu 15 (1) tagħha,

L-Istati membri huma b'dan awtorizzati li jipprovdu għal derogi għall-Artikolu 4, tad-Direttiva 2000/29/KE dwar il-projbizzjonijiet imsemmija f'punt I tat-Taqsima A ta' l-Anness III ta' dik id-Direttiva għall-pjanti ta' Chamaecyparis Spach, Juniperus L. u Pinus L., hliief għal frott u żrieragħ, li għandhom l-orìġini tagħhom fir-Repubblika tal-Korea.

wara li kkunsidrat it-talba magħmula mir-Renju Unit,

Sabiex jikkwalifikaw għal dawn id-derogi, pjanti ta' Chamaecyparis Spach, Juniperus L. u Pinus L., hliief għal frott u żrieragħ, għandhom jissodisfaw, minbarra l-ħtiġijiet stabbiliti fl-Anness I, fl-Anness II u f'punt 43 tas-Sezzjoni I ta' l-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE, il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Billi:

Artikolu 2

(1) Skond id-Direttiva 2000/29/KE, pjanti ta' Chamaecyparis Spach, Juniperus L. u Pinus L., hliief għal frott u żrieragħ, li jkollhom l-orìġini tagħhom f'pajjiż mhux Ewropew, m'għandhomx bħala regola jitħallew jiddaħħlu fil-Komunità. Iżda d-Direttiva 2000/29/KE tippermetti li jkun hemm derogi għal din ir-regola, bil-kondizzjoni li jkun aċċertat li ma jkunx hemm riskju li jidħlu organiżmi li jagħmlu ħsara.

L-Istati membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni u lill-Istati membri l-oħra, qabel l-1 ta' Awwissu, 2005, it-tagħrif dwar il-kwantitajiet li jkunu ġew importati qabel dik id-data, skond din id-Deċiżjoni, kif ukoll rapport tekniku dettaljat dwar l-eżamijiet u/jew testijiet magħmula fuq dawn il-pjanti matul iż-żmien ta' kwarantina msemmi fil-punt 10 ta' l-Anness.

(2) Wara missjoni mill-Uffiċju ta' l-Ikel u tal-Veterinarju tal-Kummissjoni u bdil ta' tagħrif bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika tal-Korea, il-Kummissjoni stabbiliet li, skond it-tagħrif li għandha, m'hemm riskju li jinxterdu organiżmi li jagħmlu ħsara bl-importazzjoni ta' pjanti ta' Chamaecyparis Spach, Juniperus L. u Pinus L., imċekkna b'mod naturali jew artifiċjali, sakemm jitħarsu kondizzjonijiet speċifiċi.

Kull Stat Membru, barra l-Istat importatur, li fih ikunu ddaħħlu l-pjanti, għandu wkoll jgħaddi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, qabel l-1 ta' Awwissu, 2005, rapport tekniku dettaljat ta' l-eżamijiet u/jew testijiet magħmula fuq dawn il-pjanti mdaħħla qabel dik id-data matul iż-żmien ta' kwarantina msemmija fil-punt 10 ta' l-Anness.

(3) Għandha għalhekk tkun awtorizzata deroga għal ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 200/29/KE għal żmien limitat, soġġetta għal kondizzjonijiet speċifiċi.

Artiklu 3

(4) L-awtorizzazzjoni skond din id-Deċiżjoni għandha tintemm jekk ikun stabbilit li l-kondizzjonijiet speċifiċi ma jkunux biżżejjed biex ma jħallux li jiddaħħlu organiżmi li jagħmlu ħsara jew li ma jkunux tħarsu.

L-Istati membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-każijiet kollha ta' kunsinni mdaħħla fit-territorju tagħhom skond din id-Deċiżjoni li wara jkunu nstabu li ma kinux skond il-kondizzjonijiet imsemmija hawnhekk.

(5) Il-miżuri msemmija f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

Artiklu 4

L-Istati membri jistgħu japplikaw id-derogi msemmija fl-Artikolu 1 għall-pjanti ta' Pinus u Chamaecyparis importati fil-Komunità matul il-ż-żmien bejn l-1 ta' Ġunju, 2004 u l-31 ta' Diċembru, 2005, u għall-pjanti ta' Juniperus importati fil-Komunità matul iż-żmien bejn l-1 ta' Novembru, 2004 u l-31 ta' Marzu, 2005.

<sup>(1)</sup> ĠU L 169, ta' l-10.7.2000, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 116 ta' tat-3.5.2002, p. 16.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju, 2002.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 26 ta' Ġunju, 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membri tal-Kummissjoni*

---

## L-ANNEX

**Kondizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għal pjanti li għandhom l-oriġini tagħhom fir-Repubblika tal-Korea, li jgawdu mid-deroga msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.**

1. Il-pjanti għandhom ikunu pjanti mċekknin b'mod naturali jew artifiċjali tal-ġeneru *Chamaecyparis* Spach, tal-ġeneru *Juniperus* L. jew fil-każ tal-ġeneru *Pinus* L., ikunu jew kollha mill-ispeċi *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. (*Pinus pentaphylla* Mayr) jew mill-ispeċi mlaqqma b'riżoma ta' l-ispeċi *Pinus* minbarra l-*Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. Fil-każ ta' l-aħħar, ir-riżoma ma jkollhiex rimi.
2. L-għadd totali ta' pjanti m'għandux ikun iktar mill-kwantitajiet li jkunu ġew stabbiliti mill-Istat Membru importatur, meqjusa l-faċilitajiet ta' kwarantana li jkunu disponibbli.
3. Qabel ma jkunu esportati lejn il-Komunità Ewropea, il-pjanti għandhom ikunu ġew imkabbrin, miżmumin u mħarrġin għal mill-inqas sentejn konsekuttivi f'imxietel reġistrati uffiċjalment, li jkunu soġġetti għal sistema ta' kontroll b'superviżjoni uffiċjali. Il-listi annwali ta' l-imxietel reġistrati għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu, 2004. Dawn il-listi għandhom jintbagħtu minnufih lill-Istati Membri. Huma għandhom jinkludu l-għadd ta' pjanti mkabbrin f'kull waħda minn dawn l-imxietel, sakemm jitqiesu li jkunu tajbin biex jintbagħtu lejn il-Komunità, taħt il-kondizzjonijiet imsemmija f'din id-Deċiżjoni.
4. Dwar il-pjanti ta' *Juniperus*, dawk tal-ġeneru *Chaenomeles* Lindl., *Crataegus* L., *Cydonia* Mill, *Juniperus* L., *Malus* Mill., *Photinia* Ldl. u *Pyrus* L., li jkunu ġew imkabbrin matul is-sentejn qabel ma jintbagħtu fl-imxietel imsemmija hawn fuq ta' pjanti mċekknin b'mod naturali jew artifiċjali jew fil-qrib tagħhom, dawn għandhom ikunu ġew spezzjonati uffiċjalment mill-inqas sitt darbiet fis-sena f'intervalli xierqa biex ikun magħruf jekk ikunx hemm organiżmi li jagħmlu ħsara. Dwar il-pjanti *Chamaecyparis* u *Pinus*, il-pjanti tal-ġeneru *Chamaecyparis* Spach u tal-ġeneru *Pinus* L., imkabbrin fl-imxietel imsemmija hawn fuq ta' pjanti mċekknin b'mod naturali jew artifiċjali jew fil-qrib tagħhom, għandhom ikunu ġew spezzjonati uffiċjalment mill-inqas sitt darbiet fis-sena f'intervalli xierqa biex isir magħruf jekk kienx hemm organiżmi li jagħmlu ħsara.

L-organiżmi li jagħmlu ħsara huma:

(a) pjanti *Juniperus*:

- *Aschistonyx eppoi* Inouye,
- *Gymnosporangium asiaticum* Miyabe ex Yamada u *G. yamadae* Miyabe ex Yamada,
- *Oligonychus perditus* Pritchard et Baker,
- *Popillia japonica* Newman,
- kull organiżmu ieħor li jagħmel ħsara u li mhux magħruf li jinsab fil-Komunità;

(b) pjanti *Chamaecyparis*:

- *Popillia japonica* Newman,
- kull organiżmu ieħor li jagħmel ħsara u li mhux magħruf li jinsab fil-Komunità;

(ċ) pjanti *Pinus*:

- *Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner & Buehrer) Nickle et al.,
- *Cercoseptoria pini-densiflorae* (Hori & Nambu) Deighton,
- *Coleosporium phellodendri* Komr.,
- *Coleosporium asterum* (Dietel) Sydow,
- *Coleosporium eupatorii* Arthur,
- *Cronartium quercuum* (Berk.) Miyabe ex Shirai,
- *Dendrolimus spectabilis* Butler,
- *Monochamus* spp. (non européen),
- *Popillia japonica* Newman,
- *Thecodiplosis japonensis* Uchida & Inouye,
- kull organiżmu ieħor li jagħmel ħsara u li mhux magħruf li jinsab fil-Komunità.

Il-pjanti għandhom ikunu nstabu ħielsa, waqt dawn l-ispezzjonijiet, mill-organiżmi msemmija hawn fuq li jagħmlu ħsara. Pjanti mpestatati għandhom jitneħħew. Il-pjanti li jibqa' għandhom ikunu ttrattati sewwa.

5. Kull sejba ta' organiżmi li jagħmlu ħsara msemmija fil-punt 4 waqt l-ispezzjonijiet magħmula skond il-punt 4 għandha tkun reġistrata uffiċjalment, u r-reġistru għandu jkun għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, fuq talba tagħha. Kull sejba ta' kull xorta ta' organiżmi li jagħmlu ħsara msemmija fil-punt 4 tiskwalifika l-mixtla mill-istatus imsemmi fil-punt 3. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħarrfa b'dan minnufih. F'dan il-każ, ir-reġistrazzjoni tista' tiġġedded biss fis-sena ta' wara.
6. Il-pjanti maħsuba għall-Komunità għandhom mill-inqas matul il-perjodu msemmi fil-punt 3:
  - (a) jitħawlu, għall-inqas matul l-istess perjodu, fi qsari fuq xkafef ta' mhux inqas minn ħamsin ċentimetru 'l fuq mill-art jew fuq paviment li minnu ma jgħaddux nematodi, miżmum tajjeb u ħieles mit-trab;

- (b) ikunu nstabu ħielsa, waqt l-ispezzjonijiet imsemmija fil-punt 4, minn organiżmi li jagħmlu ħsara msemmija fil-punt 4 u li ma jkunux milquta mill-miżuri msemmija fil-punt 5;
  - (ċ) jekk huma tal-ġeneru Pinus L. u fil-każ li jkunu tlaqqmu b'riżoma ta' l-ispeċi Pinus li mhix Pinus parviflora Sieb. & Zucc., ikollhom riżoma li tkun ġeġja minn għejun magħrufa uffiċjalment bħala ta' materjal b'saħħtu;
  - (d) jintgħarfu b'marka magħmula għal kull pjanta għaliha nfisha u notifikata lill-organizzazzjoni uffiċjali għall-ħarsien tal-pjanti tar-Repubblika tal-Korea, biex tkun tista' tingħaraf il-mixtla reġistrata u s-sena tat-tħawwil fi qsari.
7. L-organizzazzjoni uffiċjali għall-ħarsien tal-pjanti tar-Repubblika tal-Korea għandha tassigura l-identità tal-pjanti minn meta jinħarġu mill-mixtla sakemm jitgħabbew għall-esportazzjoni, billi jkunu ssiġillati l-mezzi tat-trasport jew mezzji oħra xierqa.
8. Il-pjanti u l-koltura li jikbru fiha jew magħha (minn hawn 'l quddiem imsejħa "il-materjal") għandu jkollhom magħhom ċertifikat fitosanitarju maħruġ fir-Repubblika tal-Korea skond l-Artiklu 7 tad-Direttiva 2000/29/KE, imsejjes fuq l-eżami msemmi fl-Artiklu 6 ta' dik id-Direttiva, dwar il-kondizzjonijiet stabbiliti hemmhekk, partikolarment li ma jkunx hemm organiżmi li jagħmlu ħsara, kif ukoll il-ħtiġijiet imsemmija fil-punti minn 1 sa 7.

Iċ-ċertifikat għandu juri:

- (a) l-isem jew l-ismijiet tal-mixtla jew l-imxietel reġistrati;
  - (b) il-marki msemmija fil-punt 6, safejn dawn jgħinu biex ikunu identifikati l-mixtla reġistrata u s-sena tat-tħawwil fi qsari;
  - (ċ) dettalji dwar l-aħħar trattament mogħti qabel it-tluq;
  - (d) taħt "Dikjarazzjoni Addizzjonali", il-kliem "Din il-kunsinna hija skond il-kondizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2002/499/KE".
9. Qabel ma l-materjal jiddaħħal fi Stat Membru, l-importatur għandu jgħarraf bil-quddiem bid-dħul lill-korpi uffiċjali responsabbli msemmija fid-Direttiva 2000/29/KE, fl-Istati Membri interessati, billi juri:
- (a) it-tip ta' materjal;
  - (b) il-kwantità;
  - (ċ) id-data dikjarata ta' l-importazzjoni;
  - (d) il-post approvat uffiċjalment fejn il-pjanti, wara li jiddaħħlu, ikunu ser jinżammu matul il-kwarantina, kif imsemmi fil-punt 10.

L-importaturi għandhom ikunu mgħarrfa uffiċjalment, qabel ma jiddaħħal il-materjal, bil-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti minn 1 sa 12.

10. Qabel ma jkun rilaxxjat, il-materjal, wara li jiddaħħal, għandu jmur kwarantina uffiċjali għal perjodu ta' mhux anqas minn tlett xhur ta' tkabbir veġittativ mill-ġdid għall-pjanti Pinus u Chamaecyparis, u għal perjodu li jinkludi l-istaġun ta' tkabbir veġittativ mill-ġdid, mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju, għall-pjanti Juniperus, u għandu jinstab ħieles, matul il-perjodu ta' kwarantina, minn kull organiżmu li jagħmel ħsara. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex għal kull pjanta tinżamm il-marka msemmija fil-punt 6 (d).
11. Il-kwarantina msemmija fil-punt 10 għandha:
- (a) tkun sorveljata mill-korpi uffiċjali responsabbli ta' l-Istat Membru interessat u mħaddma minn persunal approvat u mħarreġ, bl-għajnuna, jekk jista' jkun, ta' l-esperti msemmija fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2000/29/KE, skond il-proċedura stabbilita hemmhekk;
  - (b) issir f'post approvat uffiċjalment, mgħammar b'faċilitajiet xierqa biżżejjed biex jilqgħu kontra l-organiżmi li jagħmlu ħsara u biex iżommu l-materjal b'mod li jitneħħa kull riskju li jixterdu l-organiżmi li jagħmlu ħsara;
  - (ċ) issir għal kull parti tal-materjal:
    - (i) permezz ta' eżami viżwali mal-wasla u, wara, f'intervalli regolari skond it-tip ta' materjal u l-istat ta' żvilupp matul il-perjodu ta' kwarantina, għal organiżmi li jagħmlu ħsara jew għal sintomi ta' kull organiżmu li jagħmel ħsara;
    - (ii) permezz ta' testijiet xierqa għal sintomi misjuba waqt l-eżami viżwali biex ikunu identifikati l-organiżmi li jagħmlu ħsara u li jkunu l-kawża ta' sintomi bħal dawn.
12. Kull kunsinna li jkollha materjal, li wara li jiddaħħal, ma jkunx instab ħieles matul il-kwarantina msemmija fil-punt 10, minn organiżmi li jagħmlu ħsara, għandha tinqered minnufih taħt superviżjoni uffiċjali.
13. Stati Membri għandhom jgħarrafu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull kontaminazzjoni minn organiżmi li jagħmlu ħsara li tkun għet ikkonfermata matul il-kwarantina msemmija fil-punt 10. F'dan il-każ, il-mixtla Koreana konċernata tkun skwalifikata mill-istatus imsemmi fil-punt 3. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf minnufih b'dan lill-awtorità Koreana.

14. Kull materjal li jkun soġġett għall-kwarantina msemmija fil-punt 10 fl-Istat Membru importatur, li jinstab li jkun ħieles, matul dak il-perjodu ta' kwarantina, minn organiżmi li jagħmlu ħsara u li jkun inżamm taħt kondizzjonijiet xierqa, jista' jitmexxa fil-Komunità biss meta jinħareġ passaport tal-pjanti msemmi fl-Artiklu 10 tad-Direttiva 2000/29/KE, skond id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dik id-Direttiva, u dan jitwaħħal mal-materjal, mal-pakketti tiegħu jew mal-vetturi li jgħorru l-materjal.

Il-passaport tal-pjanti msemmi fl-ewwel sub-paragrafu għandu juri l-isem tal-pajjiż ta' oriġini.

---